MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 247/1993/1

**Francis BORĠ**

**vs**

**Felix AĠIUS u Anthony Busuttil bħala Editur u Stampatur rispettivament tal-Gażżetta *l-Oriżżont***

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-2 ta' Marzu, 1993, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur talab li l-Qorti ssib lill-imħarrkin ħatjin talli immalafamawh f'artiklu li deher fil-ħarġa tal-ġurnal *l-Oriżżont* tal-10 ta' Frar, 1993. Talab ukoll lill-Qorti biex, għall-finijiet tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa, tillikwida d-danni li ġarrab minħabba f'hekk u li tikkundanna lill-imħarrkin biex iħallsuh id-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Felix Aġius fit-2 ta' April, 1993, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi

billi qal li, qabel xejn, l-attur irid juri bi provi li l-imħarrek kien tassew l-editur tal-ġurnal dak inhar li deher l-artiklu. Laqa' wkoll billi qal li favur il-ġurnal hemm il-jedd tal-kronaka u l-jeddijiet li tgawdi l-Istampa taħt il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Anthony Busuttil fit-2 ta' April, 1993, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li, qabel xejn, l-attur irid juri bi provi li l-imħarrek kien tassew l-istampatur tal-ġurnal dak inhar li deher l-artiklu. Laqa' wkoll billi qal li hu ma kienx qara l-artiklu qabel ma ġie stampat il-ġurnal;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' April, 1999[1], li bih laqgħet it-talba tal-imħarrkin u ordnat it-tneħħija mill-atti tal-kawża ta' dikjarazzjoni magħmula mir-Reġistratur tal-Istampa;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Jannar, 2001[2], li bih ħalliet il-kawża *sine die* sakemm jinqata' l-appell li l-attur kien ressaq minn sentenza mogħtija dwar il-każ f'kawża oħra konnessa ma' din u dwar l-istess libell;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' April, 2004[3], li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tas-16 ta' April, 2004, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ għat-18 ta' Ġunju ta' dik is-sena;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Ġunju, 2004[4], li bih u fuq talba tal-avukat tal-attur, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Francis Borġ vs Mario Schiavone et*" (Ċitazz. Nru. 248/93) jinhemżu mal-atti ta' din il-kawża;
Rat in-Nota tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Mejju, 2005[5], li biha dik il-Qorti, fuq talba mressqa mill-attur b'rikors tiegħu tal-15 ta' April, 2005, waqfet milli tkompli tisma' l-kawża billi kienet tat sentenza fuq artiklu

---

[1] Paġ. 49 tal-proċess
[2] Paġ. 65 tal-proċess
[3] Paġ. 68 tal-proċess
[4] Paġ. 71 tal-proċess
[5] Paġ. 90 tal-proċess

kważi identiku, u ordnat lir-Reġistratur biex jgħaddi l-kawża biex tinstema' minn imħallef ieħor;

Rat li l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta fit-3 ta' Mejju, 2005;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fis-6 ta' Settembru, 2006[6], li biha irregolaw irwieħhom dwar il-provi tagħhom u dwar is-sottomissjonijiet li riedu jagħmlu f'din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2006, li bih u fuq talba tal-avukat tal-attur tat żmien lill-attur biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu b'nota;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fid-29 ta' Diċembru, 2006[7];

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-18 ta' Jannar, 2007;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża numru 248/93 maqtugħa fl-4 ta' Ottubru, 2000, u li ġiet ċeduta fl-appell fil-11 ta' Mejju, 2004;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Jannar, 2007, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni dwar libell famuż. L-attur jgħid li l-imħarrkin, bħala l-editur u l-istampatur rispettivament tal-ġurnal *l-Oriżżont*, tawh isem ħażin man-nies f'artiklu li deher fil-ħarġa tal-10 ta' Frar, 1993, ta' dak il-ġurnal. Huwa jgħid li din il-fama ħażina ngħatatlu għaliex, fl-imsemmi artiklu, jissemma flimkien ma' ħuh Anthony bil-laqam li dan huwa magħruf bih u bħala li kien involut ma' ħuh f'serqa li seħħet f'Ħal Luqa fid-9 ta' Frar, 1993;

[6] Paġ. 99 tal-proċess
[7] Paġġ. 103-4 tal-proċess

Illi l-imħarrkin laqgħu b'eċċezzjoni preliminari kull wieħed. Laqgħu ukoll b'eċċezzjoni fil-mertu li kienet tgħid li huma kienu qegħdin jagħmlu xogħolhom meta xandru l-aħbar u li dak li għamlu kien imħares mill-jedd tagħhom għall-espressjoni ħielsa kif imħarsin fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-artiklu inkriminat deher fuq l-ewwel paġna tal-*Oriżżont* tal-10 ta' Frar, 1993[8], u kien ikompli fuq l-aħħar paġna tiegħu fuq wara nett. Jirriżulta wkoll li artiklu ieħor bl-istess storja deher bi prominenza wkoll f'ġurnal ieħor dak inhar. L-attur fetaħ il-kawża fit-2 ta' Marzu, 1993;

Illi dwar il-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta mal-każ</u> il-Qorti trid tgħid li l-mixi ta' din il-kawża kien sa minn Jannar tal-1997 marbut ma' dak ta' kawża oħra mibdija fl-istess jum mill-attur kontra ġurnal ieħor. Sa Mejju tal-1996, il-każ (u l-ieħor ukoll) kien imwaħħal fuq episodju preliminari marbut mal-kwestjoni jekk l-imħarrkin kellhomx iwieġbu mistoqsija biex jiddikjaraw jekk kinux editur u stampatur rispettivament tal-ġurnal dak inhar li deher l-artiklu[9]. Imbagħad, għal żmien twil, il-proċess f'din il-kawża ntilef u saru sforzi biex ikun mibni mill-ġdid. Sadattant, din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-4 ta' Ottubru, 2000, tat is-sentenza fil-kawża l-oħra li magħha din kienet mexja. Mill-ġdid u fuq talba tal-attur, din il-kawża waqfet tistenna l-eżitu tal-appell li l-attur kien ressaq kontra l-imsemmija sentenza. Għal madwar erba' snin, din il-kawża tneħħiet minn fuq il-listi tas-smigħ sa ma f'Mejju tal-2004, l-attur ċeda l-appell li kien ressaq fil-kawża l-oħra. Meta l-kawża għaddiet għand din il-Qorti kif issa presjeduta, il-proċess kien għadu mhux għal kollox rikostruwit, u hekk baqa', minkejja ordnijiet minn din il-Qorti, sa ma tħalla għas-sentenza. Biżżejjed jingħad li l-artiklu li minnu jilmenta l-attur lanqas biss huwa sħiħ, imma hemm biss fotokopja tal-paġna ta' quddiem. Xhieda m'hemm prattikament xejn, għalkemm hemm verbali li jgħidu li x-xhieda ngħatat waqt xi udjenzi. Jidher li x-xhieda li ngħatat fil-kawża l-

[8] Dok f'paġ. 27 tal-proċess

[9] Kwistjoni maqtugħa b'degriet tal-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996, li iddikjarat li l-mistoqsija kellha tintwieġeb taħt ċerti kawteli

oħra tgħodd għal din il-kawża wkoll. L-istess jingħad għas-sottomissjonijiet tal-imħarrkin li, b'għażla tagħhom, irreferew għas-sottomissjonijiet imressqin mill-imħarrkin fil-kawża l-oħra u għamluhom tagħhom;

Illi issa li saret din il-kjarifika, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-mertu tal-azzjoni, ladarba l-imħarrkin iddikjaraw li, fiż-żmien li deher l-artiklu, huma kienu l-editur u l-istampatur[10] tal-ġurnal, u għalhekk ingħelbet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed minnhom;

Illi l-attur jilmenta li l-artiklu li deher fil-ġurnal in kwestjoni kien ittimbrah personalment bħala wieħed miż-żewġ persuni li ħa sehem fil-*hold-up* li matulha raġel insterqitlu somma flus wara li ż-żewġ persuni hebbew għalih. L-artiklu jgħid, fost l-oħrajn, li minn stħarriġ li għamlet il-Pulizija, sa sagħtejn wara li seħħ il-*hold-up*, "inqabdu l-ħallelin, żewġt aħwa minn Ħal Luqa". Aktar 'l isfel fl-artiklu, jingħata rakkont ta' kif hu maħsub li seħħet il-ġrajja, u hemmhekk l-artiklu jsemmi b'isimhom lill-attur u lil ħuh (bil-laqam tiegħu) bħala ż-żewġt irġiel li hebbew għall-persuna misruqa;

Illi l-artiklu jidher li jirreferi għall-attur (u wkoll għal ħuh) b'mod kategoriku dwar is-sehem tagħhom it-tnejn fis-serqa. Lill-qarrej tal-artiklu ma jingħata l-ebda għażla ħlief li jqis lill-attur u lil ħuh bħala l-persuni li wettqu r-reat. Il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-fatt rapportat seħħ tassew. F'dan ir-rigward, il-ġurnal kellu kull jedd li jirrapporta l-ġrajja u d-dmir li jagħti lill-qarrejja tiegħu stampa mill-aktar ħajja ta' kif jirriżulta li seħħew l-affarijiet. Imma wieħed irid jara jekk, miġbur f'dan il-jedd, kienx jista' jingħad ukoll li l-attur u ħuh kienu l-persuni li wettqu dak ir-reat;

Illi l-imputazzjoni tal-kommissjoni ta' reat li ssir dwar persuna hija dejjem xilja serja li titfa' fuq min jagħmilha l-piż li mhux biss jivverifika l-fatt iżda li jġib 'il quddiem il-prova tiegħu lil hinn minn kull dubju raġonevoli[11]. Il-jedd għall-kronaka, li huwa aqwa mill-qagħda suġġettiva tal-

[10] Xhieda ta' Anthony Busuttil 20.10.1999, f'paġ. 96 tal-atti tal-kawża 248/93GV
[11] App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Debono vs Saviour Balzan***

persuna individwali, jitlob madankollu li dak li jingħad ikun jaqbel mas-sewwa, jiġifieri jkun fattwalment korrett[12]. Wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh ukoll li, fis-sistema ġuridiku tagħna, prinċipju ewlieni li niftaħru bih huwa dak li kull persuna hija meqjusa innoċenti sakemm tinsab ħatja minn Qorti kompetenti wara proċess xieraq[13]. Għalhekk, li jingħad li persuna nżammet mill-Pulizija għaliex waqa' s-suspett fuqha li kienet involuta f'xi reat m'għandux jittieħed bħala dikjarazzjoni tal-ħtija attwali ta' dik il-persuna, għaliex wieħed irid jagħraf bejn allegazzjoni li persuna waqgħet taħt suspett tal-awtoritajiet u l-allegazzjoni li dik il-persuna hija ħatja ta' reat. F'dan il-każ, il-kliem użat irid jinftiehem fit-tifsira naturali u ordinarja li tingħata lil dak il-kliem u mhux b'analoġiji mġebbda. Kif ingħad, l-akbar eżerċizzju li jrid jagħmel il-ġudikant huwa dak li jrid iqis jekk bil-kliem użat fl-istampat seħħx fil-konfront tal-attur xi tnaqqis ta' l-istima "f'għajnejn in-nies li qraw l-artiklu b'mod spassjonat, liema nies trid tqishom bħala dawk ta' intelliġenza normali li askrivew lill-kliem miktub is-sinifikat normali tal-kliem"[14];

Illi fil-każ li għandna quddiemna llum, l-artiklu li minnu jilmenta l-attur jgħid ċar u tond li l-attur u ħuh kienu l-ħallelin. Ma jgħidx li waqa' fuqhom is-suspett u lanqas li nżammu mill-Pulizija bħala persuni suspettati. Jgħid, anzi, li wara li nqabdu mill-Pulizija, l-każ tal-*hold-up* kien solvut. Din id-dikjarazzjoni kategorika ma taqbilx ma' dak li joħroġ mill-provi. Mill-provi mressqa[15] jirriżulta biss li l-attur għal xi żmien kien miżmum arrestat waqt li kienet għaddejja l-investigazzjoni, imma nħeles u l-Pulizija ma ressqitux b'akkuża fil-Qorti għaliex ma kellhiex provi biżżejjed kontrih biex issostni akkuża. Dawn il-fatti ma jwasslux biex jiġġustifikaw dak li jingħad fl-artiklu, jiġifieri li l-attur (u ħuh) kienu l-ħallelin li kellhom x'jaqsmu mal-*hold-up*. Fil-fehma tal-Qorti, dak il-kliem fl-artiklu mar lil hinn mis-sempliċi dikjarazzjoni ta' fatti ta' kronaka, u tebba' lill-

---

[12] App. Inf. **17.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joe Galea vs Joe Mifsud***

[13] ECHR **27.6.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Constantinescu vs Rumanija*** (Applik. Nru. 28871/95) f'par. 55-58

[14] App. Krim. Inf. **13.6.1985** fil-kawża ta' libell fl-ismijiet ***Dr. Giuseppe Mifsud Bonniċi et vs Anthony Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

[15] Xhieda tal-Ispettur Antoine Casha 4.5.1998, f'paġġ. 78-9 tal-atti tal-kawża 248/93GV

attur b'xilja ta' reat li, fl-aħħar mill-aħħar, qatt ma kien akkużat bih quddiem l-awtoritajiet kompetenti;

Illi l-Qorti ma tistax taċċetta l-argument tal-imħarrkin li, ladarba dan il-każ kien miexi ma' każ ieħor fuq l-istess episodju, allura dan il-każ irid tabilfors jintemm bl-istess mod kif intemm il-każ l-ieħor (jiġifieri biċ-ċaħda tat-talbiet tal-attur). Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, l-artiklu fil-ġurnali rispettivi ma kienx l-istess wieħed. Il-kliem użat fl-artiklu impunjat f'din il-kawża kien iżjed dirett u attributtiv tal-involviment u tal-ħtija tal-attur fil-fatt rapportat. Fit-tieni lok, f'din il-kawża l-imħarrkin ma ressqu l-ebda prova biex isostnu li dak li nkiteb fl-artiklu kien is-sewwa, filwaqt li l-attur xehed espressament biex jiċħad li huwa kien fl-inħawi ta' fejn seħħ l-episodju rapportat meta seħħ il-*hold-up*;

Illi, minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li dak li nkiteb fl-artiklu li minnu jilmenta l-attur ma kienx jaqa' fl-ambitu tad-drittijiet u libertajiet gawduti mill-Istampa fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni;

Illi dan iwassal biex l-ewwel talba tal-attur tidher mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi dan iġib miegħu l-effett li l-imħarrkin iridu jagħmlu tajjeb għall-ħsara li ġarrab l-attur minħabba l-artiklu libelluż. L-attur ma ressaq l-ebda prova ta' xi dannu materjali li huwa ġarrab minħabba l-artiklu msemmi. Jibqa' għalhekk li l-Qorti tillikwida kumpens għall-ħsara morali li jaħseb għaliha l-artikolu 28(1) tal-Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-liġi ma tagħtix kriterji lill-ġudikant dwar l-ammont ta' danni li hija tagħti. Tistabilixxi biss l-ogħla ammont; mill-bqija, tħalli f'idejn l-istess ġudikant li juża d-diskrezzjoni tiegħu skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ[16];

Illi għalhekk, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, u partikolarment imma mhux biss, li l-fatt attribwit fl-artiklu jirriżulta li ma kellux mis-sewwa u li l-imħarrkin kellhom meżżi biżżejjed biex jagħrfu x'ġara u biex jevitaw l-użu ta'

---

[16] Ara, per eżempju, P.A. RCP **23.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Dr. Louis Galea vs Onor. Prim Ministru Dr Alfred Sant*** u s-sentenzi msemmijin fiha

attribuzzjonijiet kategoriċi kontra l-attur mingħajr ma jnaqqsu xejn mill-jedd tagħhom li jinformaw lill-qarrejja tagħhom, tillikwida s-somma ta' mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm 250) bħala danni għall-finijiet tat-tieni talba attriċi, liema somma tinqasam kwantu għal mitejn lira Maltin (Lm 200) fir-rigward tal-imħarrek Aġius u kwantu għal ħamsin lira Maltin (Lm 50) fir-rigward tal-imħarrek Busuttil;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrek Aġius billi ma tirriżultax mistħoqqa filfatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrkin immalafamaw lill-attur bl-artiklu li deher fil-ħarġa tal-ġurnal *l-Oriżżont* tal-10 ta' Frar, 1993, billi attribwewlu fatti foloz;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni kumpensabbli lill-attur minħabba l-libell fis-somma ta' mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm 250);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna lill-imħarrkin iħallsu l-imsemmija somma fil-kwota fuq imfissra lill-attur bħala danni likwidati, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet legali fuq is-somma likwidata b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------